MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 11/2011

**Appell Numru: 4/2010 fl-ismijiet:-**

**A**

**vs**

**Kummissarju tal-VAT**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-3 ta' Marzu 2011 il-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Fil-5 ta' Jannar 2010, l-appellant* ***A,*** *li jmexxi hwienet tal-gojjellerija, issottometta l-Formola A tal-Appell kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.05.03 - 31.10.07 ghall-ammont ta' €16,231 minghajr penali amministrattiva u mghax.*

*L-istejjem hargu wara li saret investigazzjoni fuq in-negozju tal-appellant fuq is-snin 2003 - 2007 ghar-raguni ta' allegazzjonijiet ta' diskrepanzi fid-denunzji tal-bejgh. Ir-rapport hareg f'Gunju 2009 u l-appellant inghata kopja tieghu mill-Bord fl-14 ta' Ottubru 2010.*

*Saru zewg seduti qabel il-Bord seta' jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.*

*Ghall-ewwel seduta, fit-28 ta' Ottubru 2010 deher ghan-nom tal-Kumpanija appellanti, is-Sur Joseph Gauci, Awditur. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal. Kien prezenti wkoll is-Sur Roderick Zammit Randich, Assistent Principal.*

*Id-Dipartiment spjega li kien sar review mal-appellant tal-istejjem provizorji izda l-appellant ma kienx gab il-provi mitluba u ghalhekk hargu l-istejjem propji li tqassmu fil-21 ta' Dicembru 2009.*

*L-appellant qal illi r-rapport investigattiv ma sarx fuq bazi soda. Huwa qal illi fl-ahhar hames snin id-deheb dejjem ghola izda l-bejgh naqas. Huwa qal illi l-ufficjal investigattiv hadmet bi "gross profit margin" li f'dan is-settur ma jaghmilx sens tant illi rrizulta li f'xi perjodi kien hemm "over declaration" u ghaldaqstant spicca bi kreditu. Huwa kompla jghid illi d-Dipartiment ma riedx li dawk il-perjodi li spiccaw bi kreditu, jghaddi l-kreditu lill-appellant. Huwa qal ukoll li kontra ta' dak li qal id-Dipartiment ma hemm xejn fir-rapport investigattiv li t-taxpayer naqas li jipprezenta xi records.*

*Fic-cirkostanzi, il-Bord dehrlu li ghandu jaggorna s-seduta sabiex l-appellant jaghmel sottomissjoni bil-miktub li tispjega ahjar l-argument tieghu. Din is-sottomissjoni waslet fit-2 ta' Novembru 2010 u kienet tghid hekk :-*

*"The report is based on complete wrong accounting principles and also lack of knowledge of the industry.*

*First of all gross profit margins differ in 2003 - 2004 as at that time when you imported jewelry before we joined the ED there was heavy levy and duty on the product. So there cannot be any comparison. Once we joined the EU the levies were removed.*

*Secondly the report has a flaw. You cannot work on gross profit margins when one is carrying such a review on a retail outlet which sells jewelry for the following reasons:*

*(a) Jewelry stock is valued at fair value and not at cost. One cannot use the gross profit margin system to arrive for an over or under declaration of sales as stocks are not valued at cost. The main reason is that the same item over the years if not sold may be valued for stock valuation prices at higher or lower than cost. So the report is based on a wrong accounting principle since it was assumed that one will take a gross profit margin based on the average of the years without considering this issue. Secondly no consideration was taken that prior to Malta in the EU jewelry coasted much more due to duties and levies.*

*(b)The product mix was not considered. The client sells gold and silver products and therefore there is a mix of products. When working gross profit margins the product mix of each individual year was not considered. Again therefore the exercise has another important defect.*

*(c) Finally to proof what we are stating* ***is evident by the fact that client in certain periods finished in credit, basically that the department is stating.***

*(d)* ***That he overstated the sales declared in his return as shown in the two last schedules of the report. Such a result clearly indicates that the Department basically is declaring that our client overstated sales for certain periods in his declaration. The end result therefore does not make sense as clients never over declare sales. Also this shows that the report since it is based on a wrong accounting principles gave resulted in an ambiguous result.***

*During the investigation we tried to explain all above matters but we had only a copy of the report when the Appeals Board was fixed. For the above reasons we state that the assessments are null and void for the following reasons :*

*(a) Exercise carried out is not based on good accounting principles.*

*(b) Department is acting in an illegal manner when it decides to claim the tax due but not making any set offs which resulted in credit.*

*(c) Legally the Department would be abusing of its power by utilizing a report which is resulted in tax misconception that a taxpayer overstated his declared income."*

*Huwa qal ukoll illi huwa kien ipprezenta r-"records" kollha mitluba mill-investigaturi u li ma harget ebda differenza materjali bejn il-kotba tan-negozju tieghu u d-denunzji tal-VAT.*

*Id-Dipartiment wiegeb hekk fil-25 ta' Novembru 2010 :-*

*"1. Illi mid-denunzji ta' bejn l-01.01.1999 sa 30.04.2004 id-Dipartiment kellu ndikazzjoni cara li l-bejgh iddikjarat kontra x-xiri kien baxx. Kopja tad-denunzji globali, turi li f'hames snin u erba' xhur l-ammont ta' bejgh kien aktar mix-xiri bi Lm8,661. Jekk wiehed inaqqas l-ispejjez iddikjarati ta' Lm5,982 jirrizulta li l-qliegh fix-xahar kien biss ta' Lm42. Din l-istampa qed tingieb ghall-attenzjoni tal-Bord ghax kienet indikattiva biex il-Kummissarju jaghmel l-ewwel stharrig tieghu fuq dan in-negozju fl-04.03.2005.*

*2. IIIi jidher car ukoll illi l-istejjem gew ikkomputati wara li nstab li ghas-snin 2003 u 2004 il-gross profit mark up muri fit-trading P & L kien baxx hafna aktar min-norma ta' dan it-tip ta' negozju (55% u 47% rispettivament). Fis-snin ta' wara jigifieri fis-snin 2005 u 2007, ghalkemm il-mark-up tissupera t-80%, ix-xiri ddikjarat f'dawn is-snin huwa*

*anqas bi Lm30,448 minn dak tad-denunzji tal-istess snin. Ghalhekk jirrizulta li meta nhadmu l-istejjem fuq bazi ta' stock build up ta' 19.3% hekk kif iddikjarat fit-Trading P & L tas-snin mistharrga u gew adottati mark-ups ta' 65% fuq is-snin 2003 u 2004, 81% ghall-2005 u 2006 u 83% ghall-2007, nharget id-diskrepanza ta' bejgh nett mhux dikjarat.*

*3. Illi ghalkemm qieghed jinghad fin-nota tal-appellant illi fis-snin ta' qabel l-adezjoni kien hemm levy u dazju qawwi, levy ma kienx hemm, u li jekk ikollok il-Euro 1 Certificate, anqas dazju ma kont thallas. Dan ifisser li l-gross mark-up li qed jirrizulta fis-snin 2003 u 2004 ma kellux ikun baxx barra min-norma. Hawnhekk l-ispettorat wera li kien kawt meta applika mark-up ta' 65% u mhux madwar 80% kif jindikaw is-snin ta' wara.*

*4. Illi ghal darba ohra r-rapprezentant tal-appellant qed jerga' jipprova jiskredita l-work sheet li saret primarjament fuq il-perjodu ta' taxxa meta tigi applikata mark-up fuq ix-xiri ddikjarat fid-denunzji u li minnha jirrizulta li fejn ma jkunx hemm xiri aktar ta' stock mis-soltu, l-istess work-sheet turi perjodi ta' taxxa fejn il-persuna registrata qed turi bejgh aktar mill-istima. F'dan l-ezercizzju r-rizultat finali juri bic-car li l-bejgh ikkalkulat globalment kellu jkun aktar minn dak iddikjarat fid-denunzji fil-perjodi taht appell.*

*Fit-tieni seduta saret fil-11 ta' Frar 2011 fejn ghan-nom tal-appellant deher is-Sur Joseph Gauci. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal. Kien prezenti wkoll is-Sur Roderick Zammit Randich, Assistent Principal.*

*Fuq mistoqsija tal-Bord jekk il-partijiet ghandhomx aktar xi jzidu wara li saru dawn is-sottomissjonijiet, l-appellant qal hekk :-*

*1. Li d-Dipartiment ma kienx ta kaz tal-perjodi fiskali fejn huwa kien spicca bi kreditu.*

*2. Li waqt li r-rapport investigattiv juri li l-kotba tan-negozju kienu tajbin, id-Dipartiment qed jallega li kien*

*hemm diskrepanza ta' xi Lm 30,000 ibbazata fuq il-"gross profit margin".*

*Id-Dipartiment wiegeb hekk :-*

*1. Li l-fatt li l-appellant xi drabi spicca bi kreditu jirrizulta meta x-xiri ma jkunx daqs ta' qabel, izda globalment huwa ma jibqax bi kreditu u li kienet allokata "stock build up" ta' 19.3% ghar-ragunijiet spjegati fis-sottomissjoni.*

*2. Li fir-rigward tal-"under declaration", din ukoll giet spjegata fid-dettall fis-sottomissjoni (ikkwotata aktar 'il fuq).*

*Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li nkiteb u ntqal miz-zewg partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :-*

*1. Li r-rapport investigattiv jidher li kien gust mal-appellant u li l-ufficjali li hadmu fuqu taw lill-appellant kull opportunita` li jiddiskuti l-konkluzjonijiet milhuqa.*

*2. Li "in general" ir-rapport ma kienx negattiv fir-rigward tal-operat tal-appellant u li l-istejjem kienu bbazati fuq "mark up" ta' 65% (2003-2004) 81% (2005-2006) u 83% (2007).*

*3. Li wara laqgha ta' "review" mar-rapprezentant tal-appellant fit-22 ta' Settembru 2009, id-Dipartiment irrapporta internament fit-12 ta' Novembru 2009 li l-appellant naqas li jibghat xi informazzjoni pertinenti li kienet imwieghda. Il-Bord jinnota wkoll li d-Dipartiment kien ukoll baghat lill-appellant skeda tal-"workings" li nstigaw l-istejjem.*

*4. Li l-argument tal-appellant li d-Dipartiment ma kienx ta kaz tal-perjodi li l-appellant spicca bi kreditu ma jregix fid-dawl tal-ispjegazzjoni tad-dipartiment li globalment dan il-kreditu jigi eliminat.*

*5. Li l-"mark ups" addottati mill-appellant fis-snin 2003 - 2004 (55% u 47%) huma baxxi hafna meta mqabbla ma'*

*dawk tas-snin 2004 - 2005 (82%) u dan minghajr raguni valida.*

*6. Li l-argument tal-appellant li d-Dipartiment ma ghamilx distinzjoni bejn il-bejgh tad-deheb u tal-fidda fir-rigward tal-"profit margin" ma giex ribattut mid-Dipartiment.*

*Fic-cirkostanzi, il-Bord jidhirlu li l-argumenti tad-Dipartiment kif jidhru fil-paragrafi 1-5 aktar 'il fuq jiggustifikaw l-istejjem izda fid-dawl tal-argument tal-appellant kif jidher fil-paragrafu 6, il-Bord jidhirlu li l-istejjem ghandhom jitnaqqsu b'20% sabiex jirriflettu b'mod kemm jista' jkun ekwu dan in-nuqqas."*

Rat ir-rikors ta' A detentur tal-karta tal-identita` 516758(M) datat 4 ta' April 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud datata 18 ta' April 2011 a fol 28 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni l-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-20 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Nicholette Spiteri Bailey u Dr. Adrain Delia ghall-appellanti prezenti, u Alfred Caruana Petit ghall-Kummissarju tal-VAT assistit minn Dr. Veronica Aquilina. Dr. Spiteri Bailey obbligat ruhha li permezz ta' nota fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dan il-verbal, b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti, tesebixxi kopji tas-sentenza li ghamlet referenza ghalihom. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni l-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (il-Bord) fl-ismijiet premessi datata 3 ta’ Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellant huma fis-sens li qed isostni li (a) ghalkemm il-Bord jidher li fehem li l-istejjem tal-Kummissarju jonqsu li jibbraccjaw il-principji fondamentali ta’ kontabilita’, u dan in vista ta’ dak li hemm fid-decide fejn naqqas 20% tal-istima maghmula minhabba li sab li skond punt 6 tal-istess decizjoni d-Dipartiment ma wegibx ghall-aggravju tal-appellant li sostna li d-Dipartiment ma ghamilx distinzjoni bejn il-bejgh ta-deheb u tal-fodda fir-rigward tal-profit margin, fil-verita’ huwa jsostni li l-Bord ma fehemx l-argument tal-appellant fit-totalita’ tieghu u rrefera ghal Dok. “B” anness mal-appell odjern; (b) l-istejjem huma arbitrarji u jmorru kontra l-hsieb u l-motivazzjoni tal-ligi in materia u dan ghaliex l-Kummisarju stabbilixxa kif isiru l-istejjem meta fil-fatt dan il-poter mhux moghti lilu mill-ligi.

Illi jirrizulta li fit-trattazzjoni u wkoll permezz ta’ nota datata 8 ta’ Novembru 2011 saru riferenzi ghad-decizjonijiet ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Gaba Diamonds Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud”** (A.I.C. (PS) – 18 ta’ Mejju 2005 – **Value Added Tax – Court of Appeal Decisions -** Kawza Nru. 132 Vol. III ); u “**Gaba Diamonds Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud” (A.I.C. (PS)** – 18 ta’ Mejju 2005 – **Value Added Tax – Court of Appeal Decisions -** Kawza Nru. 135 Vol. III) fejn gie affermat il-principju li decizjoni trid tkun ben motivata u allura jidher li l-appell qed jigi mpostat fuq dan il-principju.

Illi apparti l-fatt li dan ma jirrizultax li huwa ghal kollox il-kaz meta wiehed jigi biex jara r-rikors tal-appell, izda anke jekk jigi biex jigi kkonsidrat taht dan l-aspett hawn jehtieg li

l-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Maltacom plc vs Awtorita' ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Gunju 2008) fis-sens li abbazi ta' dan il-principju huwa necessarju li decizjoni tkun fiha r-ragunament ghaliex min iddecieda ikun wasal ghal tali decizjoni u din ma hijiex kwistjoni semplici li l-Arbitru naqas li jaghti risposta dettaljata ghal kull argument (**"Van de Hurk vs The Netherlands" –** Q.E, - 19 ta' April 2004) izda li effettivament l-istess decizjoni hija bla motivazzjoni ghax naqset li titratta u tiddeciedi dwar dak sottomess lilha mill-partijiet.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Natalia Aquilina vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 17 ta' Mejju 2011) inghad li din id-decizjoni qed tittiehed fis-sens li huwa guridikament pacifiku li decizjoni ta' tribunal amministrattiv ghandha tkun motivata sufficjentement, mhux biss ghax hekk tirrikjedi t-trasparenza, izda wkoll biex il-parti li titlef tinghata sodisfazzjon sufficjenti ghaliex it-tribunal in kwistjoni jkun wasal ghad-decizjoni tieghu u biex jekk ma taqbilx mad-decizjoni tieghu tista' tappella minnha fit-termini tal-ligi **("Victor Debrincat vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" –** A.C. – 16 ta' Dicembru 2003).

Illi dan ma jfissirx li decizjoni ghandha tindirizza kull lamentela li tkun tressqet quddiemu, izda ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz Qorti, Bord, Tribunal jew Arbitru ghandu d-dmir u l-obbligu li jiddeciedi kwistjonijiet li tressqu quddiemu, kemm dawk legali u dawk fattwali b'mod li jittratta dak li huwa rilevanti biex il-kaz jigi gustament deciz **("Avukat Pio Valletta vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.C. – 28 ta' Gunju 2002). F'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li sabiex isir dan l-istess Bord, u tribunal jew organu gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi ghandhom jikkonsidraw u jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni quddiemu u f'dan kemm fil-kuntest tat-talba u l-opposizzjoni li ssir kontra l-istess talba, b'dan li fil-kuntest odjern l-aggravji u s-sottomissjonijiet ta' natura legali u fattwali mressqa mill-partijiet kellhom mhux biss jigu elenkati izda determinati u b'hekk biss jista' jinghad li decizjoni f'dan il-kuntest tkun verament motivata **("Dr. Alfred Sant vs Kummissarju**

**tat-Taxxi Interni"** – A.C. – 4 ta' Marzu 2002; **"Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa"** – A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004). Dan ghalhekk ifisser li ghalkemm ma huwiex mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata u fil-fond, pero' minn naha l-ohra ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza ghandu jigi njorat u anke sorvolat b'deliberazzjonijiet leggeri skarsi minn motivazzjoni sobrija u injorar ta' konsiderandi fil-provi attenti jew tal-principji legali proposti **("Albert Degiorgio vs Loris Bianchi et"** – A.I.C. (PS) – 23 ta' Jannar 2004) **"Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010).

Illi fil-fatt fis-sentenza appena citata **"Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010) inghad li:-

*"…..il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborate, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi ndividwata r-raguni li titqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara ed ezempju d-decizjoni fl-ismijiet* ***"Joseph Mercieca vs Water Services Corporation"*** *Appell Inferjuri, 27 ta' Frar 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa ricentement hafna, abbracjata mill-Qorti tal-Appell kollegjali in re:* **Frank P. Borg. Limited vs Joseph** ***Camilleri",*** *28 ta' Mejju 2010".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 30 ta' Jannar 2009) tant li gie ritenut li:-

*"fl-adempjiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

Illi fis-sentenza **"Kruger Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 13 ta' Lulju 2001) inghad li huwa principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif fil-fatt

gie deciz. *"Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom".*

Illi hekk fid-decizjoni **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) inghad li biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Illi dan il-principju jissarraf li l-organu li ghandu jiddeciedi huwa obbligat li mhux biss jikkonsidra l-punti sottomessi ghad-decizjoni tieghu, izda li jinvestigahom u jaghti decizjoni taghhom u mhux jisfjorhom jew jinjorahom ghaliex altrimenti dan fih innifsu jikkawza ngustizzja ghall-istess partijiet li ghandhom ikollhom sodisfazzjoni ghas-sottomissjonijiet taghhom u decizjoni dwar l-istess u fin-nuqqas ta' l-istess, l-istess decizjoni tkun nulla ghaliex tippekkja mill-elementi ta' smigh xieraq li jinkludi li d-decizjoni tkun motivata u b'hekk tkun trattat il-mertu tal-kaz quddiemha **("Marie Louis Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006; **"Philip Micallef vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2007; **"Dr. Graham Busuttil vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' April 2008; **"Victor Borg vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** – A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2007).

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **"Mario Attard vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2011) inghad li *"sabiex jigi ccarat dak li qed jinghad f'din is-sentenza, jinghad li din il-Qorti qed tirritjeni li l-Arbitru u kull gudikant ghandhu fl-ewwel lok jiehu in konsiderazzjoni l-aggravji mressqa quddiemu u jikkonsidra l-istess fid-dawl tal-argumenti migjuba mill-kontro-parti u jiddeciedi l-istess fid-diskrezzjoni tieghu f'dak li huma fatti, u fid-dawl tal-ligi, b'dan li jinghata aditu ghall dak sottomess mill-partijiet*

*quddiemu, in vista u in omagg tal-principju cerimus paribus u ta' smiegh xieraq, li jwasslu li d-decizjoni tkun ben motivata. Dan fil-kaz odjern ma jidhirx li sar fid-decizjoni hawn suggetta ghall dan l-appell, u dan iktar u iktar meta l-aggravji kienu cari u l-eccezzjonijiet ghall-istess ben impostati, li kollha kienu diretti lejn id-decizjoni tad-Dipartiment........u punti li fid-decizjoni tal-Arbitru ma gewx indirizzati, u dan meta tali punti kienu l-mertu tal-appell kollu, u dan huwa iktar gravi fid-dawl tal-eccezzjonijiet imqajjma mill-appellanti odjerni quddiemu permezz tan-nota tal-11 ta' Jannar 2011 li lanqas giet indirizzata. Oltre minn dan din il-Qorti qed tiddeciedi, li l-Arbitru kellhu jiehu in konsiderazzjoni il-fatti relattivi u determinanti ghall kaz in kwistjoni, u dan jinkludi kemm dak favur jew kontra xi wiehed jew iktar mill-partijiet quddiemu, u dan sabiex fl-ahhar mill-ahhar jasal ghall konkluzzjoni tieghu, wara li jikkonsidra l-provi <u>kollha</u> quddiemu, haga li f'dan il-kaz ma saritx".*

*"Illi dan huwa kaz mhux ta' kwistjoni ta' mankanza ta' xi ezami profond, jew xi motivazzjoni b'mod telegrafiku, izda mankanza totali li l-istess Arbitru jittratta u jikkonsidra u jghati decizjoni motivata fuq il-punti esposti quddiemu mill-istess partijiet b'dan li certament li bid-decizjoni tieghu mertu ta' dan l-appell ma jistax jinghad li l-istess aggravji u sottomissjonijiet maghmula quddiemu gew b'xi mod investiti, trattati u decizi u l-konkluzzjoni raggunta fl-istess decizjoni ma ghandha motivazzjoni jew spejgazzjoni ta' xejn. B'hekk tali decizjoni tikser anke wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali u allura l-ewwel aggravju tal-appellanti qed jigi milqugh ghaliex il-punti in diskuzzjoni bl-ebda mod ma' jista' jinghad li gew ezaminati u wisq inqas investiti u spjegati fid-decizjoni appellata b'dan li allura isegwi li l-mertu tal-appell ma giex effettivament ikkunsidrat u deciz. F'dan il-kaz ma hemmx wiehed x'jaghmel hlief li din il-Qorti tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi (**"Philip Zerafa vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** – A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010); **"Anna Maria Cavallari vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** - A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010)".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-fattispecie odjerni jidher li dan ma huwiex il-kaz in ezami ghaliex jidher car li fid-decizjoni moghtija mill-Bord li huwa ha in konsiderazzjoni l-aggravji kollha tal-appellanti, trattaw, u cahad fejn ma qabilx maghhom u laqa' dak li qabel mieghu, u dan jirrizulta car mill-konsiderazzjonijiet u anke d-decide tal-istess decizjoni, b'mod li f'dan il-kaz ma jistax jinghad li d-decizjoni ma hijiex motivata. Li l-appellant ma jaqbilx ma' dak deciz jew li ma jaqbilx mal-mod kif l-istess gie deciz ma jfissirx li d-decizjoni mhux motivata jew mhux motivata sew.

Illi jekk il-Qorti tmur ghal dak attwalment sottomess fir-rikors tal-appell u dak li inghad dwar il-punt 6 elenkat fl-istess decizjoni tal-Bord, jirrizulta li dan effettivament gie deciz favur l-istess appellant, u hawn lanqas jista' jinghad li l-Bord ma fehemx dak sottomess mill-appellant, anzi jidher li kien ghaliex fehem l-istess, li ghamel it-tnaqqis indikat fid-*decide*, u fl-appell kif interpost ma jirrizultax li l-appellanti qed jirreferi ghal xi provediment legali li gie b'xi mod il-Bord jista' jinghad li ma segwiex. F'dan il-kuntest allura din il-Qorti thoss li ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju vantat fejn gie sottomess li l-Bord naqas li jifhem principju legali – dan aktar u aktar meta mal-istess aggravju hemm anness ir-rapport tal-istess Dipartiment li fih hemm spjegazzjoni ghaliex d-Dipartiment mexa kif mexa, rapport li gie kkonsidrat mill-istess Bord, fid-dawl tas-sottomissjoniet tal-partijiet fuq l-istess u l-Bord anke kkonsidra fid-decizjoni tieghu.

Illi mhux biss izda l-ezercizzju li ghamel il-Bord jirrizulta li dan seta` jaghmlu skond ir-**regolament 3 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406** li jiddisponi li l-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud hu *"kompetenti li jisma' kull appell li jsir kontra xi stima u li .....inaqqas ....kull valur taxxabbli jew kreditu li jkunu gew stmati mill-Kummissarju ....jew li jaghmel kull dikjarazzjoni jew ordni ohra hekk kif jidhirlu xieraq"* ("**AB Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Value Added Tax – Court of Appeal Decisions –** Vol. 1, Kaz. Nru. 15 pagna 120 ); "**AB Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" - Value Added Tax – Court of Appeal**

**Decisions –** Vol. 1, Kaz. Nru. 43 pagna 335); "**AB Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" - Value Added Tax – Court of Appeal Decisions –** Vol. 2, Kaz. Nru. 81 pagna 226); "**AB Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" - Value Added Tax – Court of Appeal Decisions –** Vol. 2, Kaz. Nru. 85 pagna 247); "**AB Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" - Value Added Tax – Court of Appeal Decisions –** Vol. 2, Kaz. Nru. 96 pagna 306); "**AB Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" - Value Added Tax – Court of Appeal Decisions –** Vol. 2, Kaz. Nru. 104 pagna 362); "**AB Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" - Value Added Tax – Court of Appeal Decisions –** Vol. 3, Kaz. Nru. 161 pagna 447). Ovvjament it-tnaqqis sar abbazi ta' dak li kkonsidra l-istess Bord fid-decizjoni tieghu u f'dan is-sens ukoll irrefera u accetta parti mis-sottomissjonijiet li saru mill-appellant.

Illi dwar it-tieni aggravju fl-istess rikors li l-appellant issejjah *"error juris"* din il-Qorti thoss li dak vantat mill-istess appellanti ma jirrizulta bl-ebda mod; fil-fatt ma jirrizultax lil din il-Qorti li b'xi mod l-istess Bord ma applikax il-ligi, jew inkella applika hazin il-ligi u ghalhekk anke dan l-aggravju huwa bla bazi b'dan li qed jigi ukoll michud. Fil-fatt l-appell kif propost ma jista' qatt iwassal sabiex jigi accettat ghaliex bl-ebda mod ma jirreferi ghal liema ligi jew provediment kien allegatament qed jigi nterpretat hazin, eluz, misinterpretat jew abbuzat. B'hekk l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Kummissarju appellat datata 18 ta' April 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti A fir-rikors tal-appell tieghu datat 4 ta' April 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet premessi**

**“A vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud” (Appell Numru 4/10) datata 3 ta’ Marzu 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti A.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------